,

**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 05 ta' Marzu 2025**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 51/2023**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Mario Mifsud**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 51 tas-sena 2023 kontra Mario Mifsdu akkużat:

**Fl-Ewwel Kap** talli f'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fis-sentejn ta' qabel, assoċja ruħu flimkien u ma' persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika d-droga Kokajina f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

**Fit-Tieni Kap**, talli f'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fix-xhur u s-sentejn ta' qabel, forna, biegħ jew xort'oħra ttraffika d-droga kokajina bi ksur tad-dispożizzjonijiet talOrdinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

**Fit-Tielet Kap**, talli f'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fis-sentejn ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-gvern, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u liġi sussidjarja li tagħmel magħha.

**Fir-Raba' Kap**, talli f'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fix-xhur u s-sentejn ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' ħasil ta' flus, u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat Mario Mifsud ppreżentata fis-17 ta' Novembru 2023, fejn *inter alia* fl-ewwel eċċezzjoni hemm eċċepiet illi:

**"Inammissibilita ta' l-istqarrija**

**Illi issir referenza għall-istqarrija tal-akkużat. Illi jirriżulta li waqt il-ġbir ta' tali stqarrija l-esponent ma kienx assistit minn avukat tal-għażla tiegħu u dan bi ksur tad-dritijiet tiegħu skond l-artikolu 6 tal-Konvenjzoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem u skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Illi għaldaqstant l-istqarrija tal-esponenti ma ttiħditix skond il-liġi u għalhekk tinvalida l-uzu ta' l-istss billi l-eventwali sentenza hekk ibbażata fuq tali provi ottenuti minn ksur ta' drittijiet fundamentali tista biss titqies illegali u nulla.**

**Illi jekk wieħed jagħmel referenza għal ġurisprudenza reċenti, stqarrijiet mingħajr il-preżenza ta' avukat wasslu għat-tħassir ta' sentenzi bħal ma wieħed**

**jista jinnota f'Brian Vella vs Avukat Ġenerali (Rik Kost 90/2016) deċiza fl-14 ta Dicembru, 2018 Qorti Kostituzzjonali.**

**Illi fil-każ Graziella Attard vs Avukat Ġenerali (Rik Kostituzzjonali 83/2016) deċiża fis-27 ta' Settembru, 2019, il-Qorti Kostituzzjonali rigward stqarrijiet mingħajr assistenza legali qalet li** *'ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali u qiset l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex l-istqarrija titneħħa mill-inkartament tiswa ta' garanzija għall-integrita tal-proċess li tevita t-tħassir futur tas-sentenza wara li jiġi kkonfermat ksur tad-drittijiet, tħassir li jista jservi biss għal 'ħela ta' ħin u riżorsi' li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda ukoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.'*

**Illi fis-sentenza ta Clive Dimech vs Avukat Ġenerali (Rik Kost. 175/2019) deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 l-Qorti Kostituzzjonali saħansitra ordnat illi l-istqarrija ma tintużax fil-proċeduri Kriminali minkejja li l-akkużat ma kien wieġeb għall-ebda domanda fl-investigazzjoni.**

**Illi n-nuqqas ta' assistenza legali f'mumenti kruċjali bħal investigazzjonijiet u ġbir tal-ewwel stqarrijiet jistgħu serjament jippreġudikaw l-akkużat u joħolqu difett fl-andament tal-kawża f'Morgan Onourah vs L-Avukat ta' L-Istat (Rik Kost 176/2019) deċiża nhar is-27 ta' Jannar, 2021 il-Qorti stqarret illi** *fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-perikolu manifest li dak il-fatt jikkontamina lproċess kriminali kollu.'*

**Illi fl-istess sentenza surreferita l-Qorti sfilzat l-istqarrija mill-proċess kriminali wara li ħadet kont tal-fatt li** *huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi li ħadet kont ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti perikolu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova u li ' l-użu ta dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkuzat biha taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali.*

**Illi finalment l-eżistenza tad-drittijiet fundamentali skond il-konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni ta' Malta flimkien mal-applikazzjoni tagħhom fil-ġurisprudenza tul iż-żmien speċjalment dik**

**reċenti m'għandhom iħallu f'ebda dubbju fl-importanza tal-assistenza legali fil-ħin tal-investigazzjoni u l-istqarrijiet.**

**Illi in segwitu l-akkużat qabad u ċaħad l-akkużi kif imsemmija fil-kapi tal-akkużi u għalhekk din il-Qorti ma tħossx li għandha tikkummenta ulterjorment dwarhom u hija din l-eċċezzjoni biss li ser tindirizza u ċioe dik dwar inammissibilita tal-istqarrija.**

**L-ispettur Malcolm Bonello xehed nhar il-11 ta' Ottubru 2012 u wara li stqarr dak kollu li kien qallu l-akkużat relatat mar-reati li jinsab akkużat bihom ppreżenta l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat Mario Mifsud, liema stqarrija ġiet meħuda nhar it-2 ta' Ottubru, 2012 fl-uffiċċju tas-sur Jesmond Borg. Din ġiet markata bħala dok MM1. Dan għazel ma jiffirmax l-istqarrija iżda għażel li jwieġeb għad-domandi li ġew imposta lilu. Jgħid li dan Mifsud kien ingħata is-solitu twissija u l-istqarrija tikkonsisti f'sebgħa faċċati. A fol. 41 tal-atti l-ispettur ippreżenta id-dikjarazzjoni ta' rifjut rilaxxxjata mill-akkużat. F'din it-twissija ta' rifjut jingħad li l-akkużat għandu l-jedd u d-dritt hekk kif talab li qabel ma ssirlu xi investigazzjoni jithalla kemm jista' jkun malajr jikkonsulta privatament ma avukat jew prokuratur legali wiċċ imb wiċċ jew bit-telefon.**

**Fl-istqarrija esebita a fol. 42 tal-atti fil-bidu tagħha l-Ispettur Jesmond J Borg u l-Ispettur Malcolm Bondin tawh is-segwenti twissija. "*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem imma dak li tgħid jista jinġieb bi prova.*" Aktar 'l quddiem mistoqsi jekk fehemx it-twissija li ingħatat lilu jgħid li '*iva*'. Jikkonferma ukoll li ingħata d-dritt li jieħu parir legali u rrifjuta li jieħu dan id-dritt jew aħjar parir. Ma hemmx dubbju li l-istqarrija li irrilaxja kienet waħda inkriminatorja fejn l-istess akkużat jgħati ħafna informazzjoni lill-ufficċċjal investigattiv qua prosekutur dwar ir-reati li eventwalment ġie akkużat bihom.**

**Fl-aħħar ta' din l-istess stqarrija nsibu l-kliem:**
***"Din l-istqarrija għamiltha jien mingħajr biża, theddid jew promessi ta' vantaġġ. Hija l-verita u wara li ġiet moqrija lili mill-Ispettur Jesmond J. Borg mistqarr li ma rrrid inżid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u nagħżel li ma niffirmax"***

**Illi jirriżulta li meta l-akkużat Mifsud rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, skont il-liġi in vigore ta' dak iz-zmien huwa kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija iżda ma kellux dritt li jkollu Avukat preżenti waqt ir-rilaxx tal-istqarrija. Infatti, kien permezz tal-Att LI ta'**

**2016, li ġie ntrodott għall-ewwel darba d-dritt ta' suspettat/akkużat li jkun akkumpanjat minn avukat jew prokuratur legali, matul it-tehid tal-interrogazzjoni u allura bejn wieħed u ieħor ħames xhur wara li l-akkużat kienet ittiħiditlu din l-istqarrija."**

3. Rat il-verbal tas-seduta tat-03 ta' Ġunju 2024 fejn il-partijiet qabblu li l-Qorti Kriminali kellha l-ewwel tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

4. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat Mario Mifsud u ordnat li l-istatement tiegħu jibqa inserit fl-atti pero ma jinqarax lill-ġurati u lanqas ma għandu jintwera lilhom u konsegwentenment m'għandu isir l-ebda referenza ghal dak mistqarr minnu stante li dak li intqal minnu intqal meta l-akkużat ma kienx ingħata id-dritt tiegħu li jkun assistit minn Avukat jew prokuratur legali waqt it-tehid tal-istqarrija .

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara l-istqarrija bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-ġuri, u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**7.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi aggravat bis-sentenza appellata meta din iddeċidiet illi l-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrija rilaxxata mill-akkużat ma kellhiex tinqara jew tintwera lill-ġurati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, l-Avukat Ġenerali iressaq dan l-appell u jilmenta illi din il-prova hija waħda li ittieħdet skont il-liġi fejn l-appellat wara li ngħata s-solita twissija, ingħata il-jedd ukoll jikkonsulta ma' avukat qabel irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, għal liema jedd huwa irrinunzja. Huwa aggravat l-Avukat Ġenerali għal fatt illi għalkemm l-Qorti Kriminali iddeċidiet illi din il-prova għandha tibqa' fl-atti u għalhekk ma kellhiex tkun imwarrba, madanakollu imbagħad ordnat illi din l-istqarrija ma kellhiex tinġieb a konjizzjoni tal-ġurija, u ma setax isir referenza għaliha waqt il-ġuri. Ma qabilx ma dak mistqarr mill-Qorti Kriminali illi dwar dan il-punt ta' dritt ma hemmx ċertezza legali stante illi kull każ irid ikun deċiż għalih fejn l-qrati llum qed isegwu l-insenjament tramandat fid-deċiżjoni *Bueze* mogħtija mill-QEDB. Jikkontendi inoltre illi l-istqarrija

mhijiex l-unika prova li l-prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq waqt il-ġuri. Isostni wkoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni penali ma għandhomx il-kompetenza jissindikaw din il-vertenza. Jagħmel referenza għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawżi ta' Romario Barbara u Nicholas Vella u jisħaq illi l-Qorti Kriminali kellha timxi mad-direzzjoni hemmhekk mogħtija.

**9**. Illi l-Qorti Kriminali waslet għad-deċiżjoni tagħha abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet u dan wara li għamlet rassenja estensiva tal-ġurisprudenza in materja, kemm dik ewropeja kif ukoll tal-qrati, kemm penali kif ukoll kostituzzjonali:

> **Din il-Qorti hija konxja minn dawn is-sentenzi, madankollu bl-ikbar rispett tgħid li ma taqbilx magħhom. Fil-każ odjern, kif diġa ġie ritenut, l-akkużat Mario Mifsud rrilaxxa stqarrija, fejn ingħata l-'caution' skond il-liġi ta' dak iż-żmien. L-istqarrija ttieħdet fis-sena 2012, erbgħa snin qabel ġie ntrodott id-dritt li suspettat/akkużat jista' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legal matul l-interrogazzjoni. Għalhekk l-akkużat filwaqt li kellu dritt li jikkonsulta m'avukat qabel l-interrogazzjoni, hu ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat matul l-interrogatorju. Illi għalkemm huwa minnu illi l-akkużat irrinunzja li jikkonsulta m'avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogazzjoni, dan ma jfissirx awtomatikament li dan kien ser jirrinunzja wkoll li jkun assistit legalment matul l-interrogazzjoni. Għalhekk jibqa' l-fatt illi seta' kien hemm preġudizzju kontra l-akkużat.**
>
> **Din il-Qorti tqis li sal-ġurnata tal-lum ma jistax jingħad li l-kwistjoni dwar jekk stqarrija għandhiex tibqa' in atti, nonostante l-fatt li ttieħdet fiż-żmien fejn il-liġi ma kinitx tiprovdi għad-dritt li suspettat ikun assistit minn Avukat matul l-interrogazzjoni, hija riżolta u li hemm ċertezza legali fuq dan il-punt. In fatti tant hu hekk illi fi proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet Nicholas Vella vs L-Avukat Ġenerali, filwaqt li l-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet illi l-istqarrija tal-akkużat Vella ma kellhiex titħalla fl-atti sabiex ma jiġix kontaminat il-proċess Kriminali, il-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza u ordnat illi din għandha tibqa' fl-atti.**
>
> **Din il-Qorti espremiet il-fehma tagħha fir-rigward ta' dritt tal-akkużat/suspettat li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali matul l-interrogazzjoni, f'diversi sentenzi u żżomm ferm magħhom. Dan ma hux każ bħal dak ta 'Nicholas Vella fejn kien hemm Qorti Kostituzzjonai li kienet qed tordna li l-istqarrja kellha titħalla fl-atti u dan għaliex is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali imsemmija supra-Nicholas Vella vs L-Avukat Ġenerali,**

**<u>ingħatat proprju fil-konfront tal-akkużat Nicholas Vella biss u għalhekk tali tgħallim jolqot lilu direttament. Għalhekk din is-sitwazzjoni m'għandhiex tiġi iċċitata fi proċeduri oħra fuq l-istess mertu għaliex f'Malta ma nħadnux il-prinċipju tal- Erga Omnes.</u>**

**11**. Illi din il-Qorti ma tistax tikkondividi ir-raġunament tal-Qorti Kriminali u dan għaliex llum il-pożizzjoni hija waħda ikkristalizżata bil-qrati kemm dawk kostituzzjonali kif ukoll Ewropej kollha jagħtu l-istess linji gwida lil-qrati ta' ġurisdizzjoni penali, u ċioe', sabiex jkun stabbilit jekk l-persuna akkużata tkunx sofriet xi leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq bil-fatt illi l-istqarrija tkun meħuda mingħajr il-presenza ta' avukat, għandhom jitqiesu il-proċeduri fl-intier tagħhom. Illi fl-iktar sentenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ *the Republic of Malta vs Christoph Doll* deċiża fl-20 ta' Frar 2025 dik il-Qorti terġa' tirribadixxi dan l-insenjament u indikat x'inhuma dawk is-salvagwardji li jħarsu lill-persuna akkużata milli ssofri xi leżjoni fid-dritt tagħha għal smiegħ xieraq:

> ***20. The Court of Criminal Appeal has therefore, whilst ordering that the pre-trial statement of the accused be adduced as evidence in the trial by jury, made the Criminal Court well aware that, should it result, in the trial by jury, that the statement in question was not released according to law or that said statement could compromise the overall fairness of the proceedings, it is its duty to properly address the jurors as to the probative value of such statement.***
>
> ***21. That, therefore, the judgement of the Court of Criminal Appeal of the 22nd September 2021, which rejected accused's plea as regards the alleged inadmissibility of his statement to the police, did not violate his right to a fair hearing nor is it likely to violate that right. On the contrary, it set out the necessary measures and precautions which ought to be taken, according to caselaw of this Court and of the ECHR, to ensure the overall fairness of the proceedings.***

Kien hekk deċiż ukoll f'dan il-pronunzjament kostituzzjonali:

> ***13. For all intents and purposes the Court highlights that it has now been long established in local case-law that the fact that the suspect was not assisted by a lawyer during police interrogation, on its own is not sufficient to find a breach of the accused's right to a fair hearing. This Court has repeatedly referred to the Beuze vs Belgium (71409/10) judgement delivered by the Grand Chamber of the ECHR on the 9th November, 2018. The judicial practice of the Constitutional***

***Court to advise for the removal of a statement from the case file was solely a precautionary measure and nothing more, and certainly did not involve Appeal Number:391/2022/1 Page 11 of 19 an interpretation of law. A position which this Court has recently revised, since at that stage there would be no declaration by the Court that the accused's right to a fair hearing had been breached or is likely to be breached.***

***14. Indeed, both in the case-law of this Court as well as that of the European Court of Human Rights [ECHR] it has now been recognised that the sole fact that a suspect did not have the possibility to be assisted by a lawyer during the interrogation, does not automatically give rise to a breach of the fundamental right to a fair hearing. For such an assessment to be made one ought to consider the overall fairness of the proceedings:***

**12**. Illi huwa indubitat illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi waslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validità tal-proċeduri penali, u ċioe', jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Ibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-insenjament tramandat mill-QEDB fis-sentenzi fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u *Farrugia vs Malta* illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jkun miċħud.

**13.** **"Farrugia vs Malta"** (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u **"Stephens vs Malta"** (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi '***systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing***'. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ "*overall fairness*" tal-proċeduri fl-intier tagħhom.

**14.** Fir-rigward tal-ewwel stħarriġ li jrid isir marbut mal-hekk imsejjħa '*compelling reasons*' il-QEDB stqarret:

> ***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention".***

**15.** Illi jibda biex jingħad illi xi forma ta' aċċess għall-avukat u għal parir legali, għalkemm wieħed ristrett, ingħata f'dan il-każ u allura meta jkun mistħarreġ dan il-kriterju tal-hekk imsejħa "*compelling reasons*" dan irid isir fid-dawl ta' dan id-dritt ristrett, fejn id-jedd miċħud kien dak li is-suspettat jkollu l-presenza tal-avukat waqt l-interrogatorju nnifsu u mhux biss qabel.

**16.** Madanakollu dan it-test waħdu ma jirrendiex, b'mod awtomatiku, l-istqarrija inamissibbli fil-liġi għaliex irid ikun superat ukoll it-tieni test imfassal mill-QEDB meta jiġi mistħarreġ jekk dik l-istqarrija għandiex titwarrab mill-atti. L-eżami tal-'*overall fairness*' tal-proċeduri jinneċċesita <u>stħarriġ ġudizzjarju tal-piż li għandu jingħata lil din il-prova meta imqabbla mal-evidenza kollha li hemm fl-atti</u>. Il-QEDB fasslet lista mhux eżawrjenti ta' uħud mill-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir dan l-eżerċizzju:

(a) *whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

(b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

(c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

(d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

(e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
(f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
(g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
(h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
(i) *the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
(j) *other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

**17.** Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u l-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżmina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalHa evidenti, f'dan l-istadju, li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

**18.** Illi fuq kollox din kienet il-fehma ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali, f'diversi sentenzi mogħtija minnha[1], mhux biss dik ta' *Christoph Doll* iċċitata iktar 'il fuq, u ċioe' illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri dik il-Qorti ma kellhiex tużurpa il-funzjoni tal-qrati ta' kompetenza penali li f'idejhom hija fl-aħħar mill-aħħar fdata is-setgħa li jiddeċiedu dwar il-valur probatorju tal-evidenza u li għalhekk ma għandhomx jkunu diretti, filwaqt li l-każ ikun għadu ma ntemmx, sabiex iwarrbu prova li sa dan l-istadju għadha prova valida mhux mittiefsa minn ebda difett proċedurali.

[1] Ara ukoll *Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello* deċiża 22 ta' Ġunju 2023

**19.** Illi l-Qorti lanqas ma tista' tifhem id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fejn din ordnat illi l-istqarrija għandha tibqa' bħala prova in atti, iżda fl-istess nifs ċaħdet lill-Prosekuzzjoni mid-dritt illi din il-prova turieha lill-ġurija u ġġibha a konjizzjoni tagħha. Ġaladarba l-prova għadha tifforma parti mill-atti, u ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt proċedurali penali li b'xi mod tipprekludi lill-Prosekuzzjoni milli tressaq din il-prova, kwindi huwa legalment inkonċepibbli kif il-Prosekuzzjoni tista' tkun ordnata sabiex din il-prova ma ġġibhiex 'il quddiem għal ġudizzju tal-Qorti u ċioe' għall-dak ta'l-imħallfin tal-fatt. Lanqas ma tista' taqbel din il-Qorti mal-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali meta stqarret illi "*Din il-Qorti tenfasizza li nonostante l-fatt li l-leġislatur ma għamilx regola li teskludi l-ammissjoni ta' stqarrija rilaxxata fi żmien fejn suspettat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat preżenti, tqis li wieħed ma jistax jistenna li l-leġislatur sejjer jindika ċċirkostanzi kollha ta' meta prova ma għandhiex valur probatorju. Iżda d-deċiżjoni dwar jekk prova għandhiex valur probatorju għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-Qrati.*" Dan għaliex fl-ewwel lok kif diversi drabi ribadit għandha issir distinzjoni bejn l-ammissibbilita' ta' prova u l-valur probatorju tagħha. Prova tista' tkun ammissibbli, iżda ma jkollha ebda valur probatorju. Biex prova titqies illi hija inammissibli irid ikun hemm regola ta' dritt li teskludi l-produzzjoni tagħha. Issa jekk prova għandiex is-saħħa probatorju meħtieġa biex min hu ismejjaħ biex jiġġudika jieħu kont tagħha u jistrieħ fuqha fil-ġudizzju finali, huwa eżerċizzju li jrid ikun determinat biss matul il-proċess penali u mhux qabel. Per eżempju bħal fil-każ ta' rapport ta' espert li ma jkollux is-sengħa u l-ħila meħtieġa biex jagħti l-opinjoni tiegħu, jew prova indizzjarja fejn il-katina ta'l-evidenza hija miksura. F'dan il-każ ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma hija ravviżata u dan għaliex l-appellant qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu unikament fuq potenzjal leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u mhux għax hemm xi regola ta' dritt li teskludi il-produċibbilita' tagħha, eżami li kif ingħad, il-qrati kostituzzjonali u ewropej qegħdin issa <u>b'mod konsistenti</u> jinsistu li jrid isir meta l-proċess huwa integru u sħiħ, u mhux meta għadu irid isir.

**20.** Issa f'dan il-każ l-appellat irrilaxxa l-istqarrija tiegħu fit-02 ta' Ottubru 2012 meta allura kien hemm dritt ristrett tal-persuna suspettata li tikkonferixxi ma'l-avukat tal-fiduċja tagħha għal siegħa qabel l-interrogatorju. L-akkużat Mario Mifsud ingħata dan il-jedd, iżda irrifjutah. L-appellat, allura suspettat jerġa jkun mistoqsi mill-interrogaturi jekk huwa ingħatax dan il-jedd qabel jibdew jistaqsuh il-mistoqsijiet u huwa jikkonferma illi dan il-jedd ingħatalu u huwa baqa' jirrifjuta ikellem avukat. Kwindi, f'dan ix-xenarju probatorju, u meta għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, fejn il-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq evidenza oħra sabiex tissostanzja l-akkużi, ma jistax jingħad illi l-appellat qiegħed isofri jew ser isofri minn xi leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq iktar u iktar meta, fl-ewwel

lok waqt il-ġuri huwa ser ikun assistit mill-avukat tiegħu, u fit-tieni lok meta f'każ ta' sejbien ta' ħtija huwa għandu rimedju ulterjuri ta' reviżjoni quddiem din il-Qorti li f'dak l-istadju, meta allura il-proċess penali ikun sħiħ u komplut, ikun jista' jsir l-istħarriġ stabbilit fil-linji gwida *Beuze*, kif iktar 'il fuq indikat.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-appellat fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu.**

**Tibgħat l-atti lura lill-Qorti Kriminali sabiex jitkompla is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**